MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 404/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**KONTRA**

**DAVID GATT ta’ 35 sena, iben Alfred u Rita nee’ Azzopardi, imwieled l-Imtarfa nhar is-17.02.1977, residenti Savoy TCE Crt DAPI, M4, Triq Luqa Briffa, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 153677M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **David Gatt** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta’ Awwissu, 2012, u matul ix-xahrejn ta’ qabel din id-dadta, gewwa l-Gzira, kif ukoll b’diversi postijiet madwar Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ pesuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kienx awtorizzat bir-Regoli 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Oridnanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern ta’ Malta skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-prezentata b'arrrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Ikkunsidrat:

Wara li rat il-verbal tal-partijiet, u anke wara li hadet in konsiderazzjoni tas-suggeriment tal-Prosekuzzjoni dwar l-Artikolu 29, qieghda taghmel taghha l-verbal taghhom, cioe' li jigi applikat l-istess fiz-zewg gradi.

Semghet ghalhekk kemm ikkopera l-imputat mal-Prosekuzzjoni.

Rat li baqa' nsistenti fuq l-ammissjoni tieghu.

Ghalhekk qieghda ssibu hati, u dan wara li rat l-Artikoli 22(2), 22(2)(b), u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll GN 292.1939

Tikkundanna lil David Gatt ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal zmien sena u erba' xhur, kif ukoll ghal multa ta' €1,500.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, u kif ukoll il-konfiska tal-mobile phone Nokia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------